



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8396/21

COPS 174
POLMIL 61
CIVCOM 72
EUMC 98
CFSP/PESC 447
CSDP/PSDC 228
HYBRID 24
DISINFO 11

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8280/21

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Mejju 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

1. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-sigurtà u d-difiża tas-17 ta' Ġunju 2020, skont id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021, il-Kunsill jibqa' determinat li jimxi 'l quddiem bl-implimentazzjoni tal-aġenda tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni sabiex jassumi responsabbiltà akbar għas-sigurtà tagħha. L-UE tibqa' impenjata li timplimenta l-Aġenda Strateġika 2019-2024 billi ssegwi linja ta' azzjoni aktar strateġika u żżid l-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod awtonomu. Speċifikament l-UE ser tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha, ser issaħħaħ ir-reżiljenza u t-tnejjija tagħha biex tindirizza b'mod effettiv it-theddid u l-isfidi kollha għas-sigurtà, u ser tippromwovi l-paċi u s-sigurtà. L-UE tibqa' impenjata li ttejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà globali permezz tal-impenn operazzjonali tagħha, partikolarment permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll li tapprofondixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà fost l-Istati Membri, li żżid l-investment fid-difiża u li ssaħħaħ l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili u militari u t-tnejjija operazzjonali għewwa l-Unjoni. L-Unjoni tibqa' wkoll impenjata li tikkoopera mill-qrib mas-sħab tagħha, b'mod partikolari ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin u ma' sħab reġjonali ewlenin. Il-kooperazzjoni globali u transatlantika, mibnija fuq l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tagħha, u l-multilateraliżmu effettiv, ser jibbenefikaw minn UE aktar b'saħħitha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jikkoopera mill-qrib man-NATO f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021.

Fid-dawl ta' instabbiltà globali akbar, il-Kunsill jissottolinja li ttieħdu passi sinifikanti u jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu implimentati bis-siġħ il-kompiti u l-inizjattivi varati b'mod partikolari mill-2016 'l hawn bħala segwitu għall-Istrateġija Globali tal-UE, kif ukoll li jissaħħu l-politiki, l-għodda u l-istrumenti tas-sigurtà u d-difiża tal-UE.

2. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li qed isiru favur Boxxla Strateġika ambizzjuża u azzjonabbli, bl-aħjar użu mis-sett sħiħ ta' għodda tal-UE, inkluż il-politiki, l-għodda u l-istrumenti ċivili u militari. Il-Boxxla Strateġika ser issaħħaħ u tiggwida l-implimentazzjoni tal-Livell ta' Ambizzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża maqbul f'Novembru 2016 fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE. Din il-ħidma tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-kultura Ewropea komuni ta' sigurtà u ta' difiża, abbażi tal-valuri u l-oġettivi kondiviżi tagħna, u għar-rispett tan-natura speċifika tal-politiki ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-Boxxla Strateġika ser tiddefinixxi orjentazzjonijiet ta' politika kif ukoll miri u oġettivi konkreti għall-ħames snin sa għaxar snin li ġejjin, f'oqsma bħall-maniġġar ta' kriżijiet, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u s-sħubijiet. Hija ser tinkludi skedi ta' żmien speċifiċi biex tikkontribwixxi għal implimentazzjoni rapida u tiffaċilita rieżami regolari fl-livell politiku.
3. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jagħraf li l-ewwel analiżi ta' theddid komprensiva ta' 360 grad li qatt saret tal-UE, imwettqa mill-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE abbażi ta' inputs bir-reqqa mis-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri u ppreżentata lill-Istati Membri f'Novembru 2020, tipprovdi, flimkien ma' input ieħor, kontribut importanti għall-iżvilupp tal-Boxxla Strateġika. Huwa jagħraf li din l-ewwel esperjenza siewja u t-tagħlimiet meħuda minnha għandhom iwasslu għal proċess aktar regolari u komprensiv tal-analiżijiet tat-theddid u l-isfidi għall-UE, imwettqa abbażi tal-intelligence miġbura mill-inputs volontarji tal-Istati Membri. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-riflessjonijiet informali li għaddejjin fost l-Istati Membri u li qed iseħħu bħala parti mill-fażi tad-djalogu strateġiku. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex f'Novembru 2021 jippreżenta lill-Kunsill l-ewwel abbozz tal-Boxxla Strateġika għad-diskussjoni, bil-ħsieb li l-Istati Membri jadottawh f'Marzu 2022, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021.

4. Filwaqt li jfakkar fl-appoġġ siewi mogħti mill-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE lill-awtoritajiet ċivili fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni ċivili-militari b'appoġġ għall-għajnuna f'każ ta' diżastru u l-għajnuna umanitarja. Huwa jappella lis-SEAE u lis-servizzi tal-Kummissjoni biex ikomplu jikkontribwixxu għat-tnejja u r-reżiljenza ġenerali tal-UE, inkluż b'mod partikolari permezz tal-protezzjoni ċivili, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-mandati eżistenti, u dan abbażi tal-ħidma li saret u soġġett għal aktar inputs u gwida li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri.
5. Filwaqt li jtenni l-importanza tal-assistenza reċiproka u s-solidarjetà, f'konformità mal-Artikolu 42(7) TUE u l-Artikolu 222 TFUE, il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddeja u l-progress miksub lejn fehim komuni msaħħaħ dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7) TUE, b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni u diskussjonijiet ta' politika bbażati fuq xenarji. Huwa jistenna b'interess dokument li jikkonsolida t-tagħlimiet identifikati minn dawn l-eżerċizzji u diskussjonijiet ta' politika bbażati fuq xenarji li għandhom jiġu ppreżentati lill-Istati Membri qabel tmiem is-sena. Il-Kunsill jappella għal aktar riflessjonijiet kif ukoll eżerċizzji, inkluż dwar id-dimensjoni ċibernetika, li juru s-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Il-Kunsill ifakkar li l-obbligi għall-Istati Membri li jirriżultaw mill-Artikolu 42(7) TUE huma mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. Ifakkar ukoll li n-NATO għadha l-pedament tad-difiża kollettiva għal dawk l-Istati li huma membri tagħha.

6. Il-Kunsill itenni l-impatt li kwistjonijiet ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom fuq is-sigurtà u d-difiża, u jappella għall-implimentazzjoni komprensiva tal-Pjan Direzzjonali Konġunt dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija tal-25 ta' Jannar 2021. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u li jiġu segwiti opportunitajiet ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' sħab internazzjonali rilevanti bħan-NU, in-NATO, l-OSKE u l-Unjoni Afrikana (UA). Huwa jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu b'azzjonijiet konkreti u jistieden lir-Rappreżentant Għoli, filwaqt li jaġixxi wkoll fil-kapaċità tiegħu ta' Viċi President (VP) tal-Kummissjoni u ta' Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, biex jipprovdi l-ewwel aġġornament annwali dwar il-proċess ta' implimentazzjoni fl-ewwel semestru tal-2022.
7. Il-Kunsill itenni l-impenji tiegħu għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Huwa ser ikompli jippromwovi l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u ser jintegra, abbażi ta' dan, id-dimensjoni tal-ġeneru fl-azzjonijiet ċivili u militari kollha tal-PSDK, b'fokus partikolari fuq l-għadd ta' nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż pożizzjonijiet ta' tmexxija. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-impenn tiegħu għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-protezzjoni tat-tfal waqt konflitti armati, f'konformità mal-linji gwida rilevanti, inkluż fil-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK.

Tisħiħ tal-impenn operazzjonali ċivili u militari tal-Unjoni

8. F'dawn l-aħħar snin, l-UE tejbet b'mod sinifikanti l-kapaċità operazzjonali u l-impronta tagħha. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK, ħax ċivili u sitta militari, għall-paċi u s-sigurtà globali fil-qafas tal-Approċ Integrat tal-UE għal konflitti u kriżijiet esterni u b'hekk għas-sigurtà tal-Unjoni u dik taċ-ċittadini tagħha. Il-Kunsill jappella għal tisħiħ ulterjuri tar-robustezza u l-flessibbiltà tal-impenji operazzjonali ċivili u militari tal-UE biex tiżdied l-effettività tagħhom, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE jkunu aktar lesti biex jirrispondu għal kriżijiet urġenti. Huwa jtemni u jenfasizza wkoll il-ħtieġa u r-responsabbiltà qawwija għall-Istati Membri li jipprovdu biżżejjed mezzi u persunal lill-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet ċivili u militari kollha tal-PSDK, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-mandati tagħhom u l-kredibbiltà tal-azzjoni tal-UE, u jappella għal esplorazzjoni ulterjuri tal-iżvilupp ta' inċentivi biex titjieb il-ġenerazzjoni tal-forzi.

Il-Kunsill jappella wkoll għal ħidma ulterjuri biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' twettaq it-tipi ta' Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK deskritti fil-Livell ta' Ambizzjoni tal-2016, fl-ispettru kollu tal-kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet, u jistieden biex isiru riflessjonijiet ulterjuri rigward l-użu possibbli tal-Artikolu 44 TUE, u esplorazzjoni tal-possibbiltajiet għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'waqt u effiċjenti. Huwa jinkoraġġixxi kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib, kif ukoll l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-impenji operazzjonali tal-Istati Membri u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, b'kont meħud tal-mandati u l-oġettivi tal-UE, kif ukoll il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u jappella għal riflessjonijiet ulterjuri dwar dak is-suġġett.

9. Il-Kunsill jilqa' l-progress li għaddej fl-implimentazzjoni tal-mandat aktar robust tal-EUTM Mali u l-kooperazzjoni aktar mill-qrib tagħha mal-EUCAP SAHEL Mali u l-EUCAP SAHEL Niger, f'konformità mar-reġjonalizzazzjoni tal-azzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK fis-Saħel, kif ukoll l-isforzi li saru fil-qafas usa' tal-Koalizzjoni għas-Saħel. Huwa jissottolinja l-importanza ta' appoġġ konkret rapidu lis-sħab lokali fiċ-ċentru tal-Mali u l-Burkina Faso bħala kwistjoni ta' prijorità, kif ukoll fin-Niger. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-integrazzjoni tat-Task Force Gazelle tal-Operazzjonijiet Speċjali Konġunti fl-EUTM Mali. Huwa jappella għall-inklużjoni tal-kompiti ta' mentoraġġ fil-missjonijiet ta' taħriġ militari tal-PSDK, fejn adatt.

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika, il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li timmobilizza l-firxa sħiħa tal-għodod u l-politiki tagħha b'appoġġ għall-prijoritajiet strateġiċi tagħha fir-reġjun. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ta' mandat imsaħħaħ tal-EUNAVFOR Atalanta għall-impenn kontinwu tal-UE għall-paċi u s-sigurtà fil-Qarn tal-Afrika, itenni l-ħtieġa urġenti li l-EUTM Somalia tiġi appoġġata bil-kapaċitajiet previsti sabiex il-Missjoni tkun tista' twettaq il-mandat tagħha. Huwa jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni EUFOR Althea fil-Bożnija-Herzegovina. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-estensjoni ulterjuri tal-mandat tal-EUAM Ukraine għal tliet snin oħra u l-kontribut imsaħħaħ tal-erba' Uffiċċji Lokali tagħha. Huwa jilqa' wkoll it-tiġdid tal-mandat tal-EUMM Georgia, b'mod partikolari t-tiħiħ tal-kapaċitajiet analitiċi tagħha.

10. Il-Kunsill jilqa' t-tiġdid għal sentejn tal-mandat tal-Operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI sal-31 ta' Marzu 2023. F'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-Operazzjoni IRINI ser tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi fil-konfront tal-Libja u taġixxi bħala deterrent għat-traffikar tal-armi, it-twettiq ta' spezzjonijiet u l-monitoraġġ ta' attivitajiet suspettużi b'mod imparzjali u effettiv.¹ F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-UNSCR 2570 kif ukoll tat-tiġdid tar-Risoluzzjoni 2292 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Huwa jappella lill-Istati kollha tal-bandiera biex jaġixxu in bona fide u biex jikkooperaw mal-ispezzjonijiet mill-assi tal-Operazzjoni u jappella lill-Istati kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu b'mod effettiv il-ksur tal-embargo. Huwa jissottolinja d-determinazzjoni tiegħu li jagħmel l-almu tiegħu biex jikkontribwixxi għall-infurzar effettiv tar-Risoluzzjoni 2292 tal-KSNU u risoluzzjonijiet sussegwenti, u jappella lis-SEAE biex f'kooperazzjoni mal-Operazzjoni IRINI ikompli isahha il-komunikazzjoni strateġika. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-offerta u r-rieda tal-UE li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u għat-taħriġ tal-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani permezz tal-Operazzjoni IRINI kif ukoll, fost l-oħrajn, il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Maniġġar ta' Kriżijiet fl-Afrika (EUTF), inkluż, fost l-oħrajn, il-programm tal-Kummissjoni Appoġġ għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u l-Migrazzjoni fil-Libja (SIBMMIL). Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa l-proċess ta' paċi mmexxi min-NU permezz tal-Approċċ Integrat tal-UE. Huwa jilqa' wkoll il-preżenza sostnuta tal-EUBAM Libya fil-pajjiż, u l-isforzi u l-kisbiet tal-Missjoni b'appoġġ għall-awtoritajiet Libjani fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali.

¹ F'konformità mal-UNSCR 1970 (2011) u Risoluzzjonijiet sussegwenti, inkluż l-UNSCR 2292 (2016) u l-UNSCR 2526 (2020).

11. Filwaqt li jinnota li r-rabta bejn l-aspetti tas-sigurtà interna u esterna saret dejjem aktar rilevanti, il-Kunsill jappella għal sforzi msaħħa biex jitlejbu s-sinerġiji bejn il-politiki interni u esterni tal-UE kif ukoll bejn l-atturi tal-PSDK u tal-ĠAI. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza li jissaħħu s-sensibilizzazzjoni u r-rispons tal-UE fil-fażijiet kollha ta' ċiklu ta' konflitt – mit-twissija bikrija u l-prevenzjoni ta' konflitti sal-maniġġar ta' kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma li għaddejja dwar it-titjib tar-reżiljenza tal-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK u l-kapaċità li jiġu miġġielda, fost l-oħrajn, it-theddid ibridu, l-attakki ċibernetiċi u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, b'mod partikolari f'ambjenti fejn is-sigurtà tkun qed tiddeterjora, u jappella għal strateġiji ta' komunikazzjoni kkoordinati, kif ukoll għal koordinazzjoni u kooperazzjoni ċivili u militari msaħħa, inkluż f'oqsma bħall-evakwazzjoni medika u l-evakwazzjoni strateġika.
12. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) u l-kontribut futur tagħha għat-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà globali billi toffri lis-sħab appoġġ komprensiv fil-qasam militari u dak ta' difiża u billi tindirizza l-lakuni eżistenti fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari, fost l-oħrajn, permezz tal-provvista ta' tagħmir militari fil-qafas maqbul tagħha. Huwa jfakkar ukoll fl-ambitu ġeografiku globali tal-EPF u l-importanza li jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsistenza ma' azzjonijiet eżistenti, kif ukoll il-varar ta' azzjonijiet ġodda, f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE. Il-miżuri ta' assistenza ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tar-riskju proporzjonati u bir-reqqa u salvagwardji b'saħħithom, filwaqt li tinżamm il-kapaċità ta' rispons rapidu għall-konflitti u l-kriżijiet. Il-Kunsill jappella għal operazzjonalizzazzjoni rapida tal-EPF u jistieden lill-Istati Membri u lir-Rappreżentant Għoli, appoġġati mis-SEAE, biex jippreżentaw proposti għal miżuri ta' assistenza, b'kont debitu meħud tal-prijoritajiet tal-UE għal azzjoni kif definiti mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, bil-ħsieb li l-ewwel miżuri ta' assistenza jiġu implimentati minn Lulju 2021. Il-Kunsill ifakkar li l-EPF għandha l-għan li ssaħħa il-kapaċità tal-pajjiżi sħab biex jipprevjenu u jirrispondu għall-kriżijiet, u tikkontribwixxi għar-reżiljenza tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jipproteġu aħjar il-popolazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill jissottolinja li l-EPF tappoġġa, fost l-oħrajn, l-aspetti militari tal-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi iżda jfakkar li mhijiex ser tiffinanzja kapaċitajiet li huma ffinanzjati taħt il-baġit tal-Unjoni u li l-NDICI– Ewropa Globali ser ikun essenzjali biex jappoġġa, sa fejn possibbli,

azzjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-paċi u s-sigurtà, inkluż bl-użu tal-pilastri u l-modalitajiet tiegħu, b'mod partikolari l-assistenza għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lill-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp (CBDSD). Bil-ħsieb li jissaħħaħ aktar l-Approċċ Integrat tal-UE, huwa jappella għal koordinazzjoni mill-qrib u regolari bejn il-Kunsill, is-SEAE u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-komplementarjetà u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni jew lakuna, b'mod partikolari bejn l-NDICI u l-EPF.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal ippjanar u kmand tal-UE aktar effiċjenti. F'dan ir-rigward, huwa jtenni l-importanza tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC). Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat persunal adegwat permezz tal-kontributi tal-Istati Membri u li jiġu indirizzati mill-aktar fis possibbli l-ħtiġijiet ta' infrastruttura u ta' komunikazzjoni sigura li jonqsu l-MPCC. Il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni sa mhux aktar tard minn Novembru 2021 bil-għan li jaqbel dwar it-triq 'il quddiem.

Huwa jissottolinja wkoll l-importanza tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC), u l-isforz usa', inkluż permezz taċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ (JSCC), biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà ċivili u militari.

14. Il-Kunsill jagħraf ukoll li l-maniġġar ċivili ta' kriżijiet huwa aktar rilevanti minn qatt qabel fir-rigward tal-kontribut importanti tiegħu għar-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-istabbiltà u l-istat tad-dritt, li jgħin ukoll jippromwovi sjieda lokali mill-pajjiżi ospitanti. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, li għandu l-għan li jagħmel il-PSDK ċivili aktar kapaċi, aktar effettiva, flessibbli, reattiva, u aktar magħquda ma' atturi oħra tal-UE. Huwa jirrikonoxxi wkoll il-progress pożittiv li sar mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni fil-livell tal-UE u mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali u jappella għal proċess ta' żvilupp tal-kapaċitajiet ċivili aktar strutturat u strateġiku, inkluż permezz ta' taħriġ rilevanti u t-titjib tas-sinerġiji ċivili - militari. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili kif ukoll li jiġu intensifikati l-isforzi biex jissaħħu sħubiji ta' benefiċċju reċiproku ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi sħab rilevanti li jikkondividu l-valuri u l-oġettivi tal-UE b'rispett sħiħ tal-qafas istituzzjonali tal-UE.

Bi tħejjija għall-Konferenza ta' Rieżami Annwali ta' Novembru 2021, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jkomplu jaħdmu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK sa kmieni fis-sajf tal-2023, b'attenzjoni speċjali fuq l-istadji tal-2021 maqbula mill-Kunsill f'Diċembru 2020. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK ser twitti t-triq ukoll għal aktar ħidma, fost oħrajn dwar il-maniġġar ċivili ta' kriżijiet lil hinn mill-2023.

15. Bħala parti mit-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża u fil-maniġġar tal-kriżijiet, il-Kunsill jenfasizza l-isforzi tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża biex jippromwovi fehim aħjar tal-PSDK bħala parti essenzjali tal-PESK fost l-Istati Membri fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-PSDK, inkluż permezz tat-taħriġ li jingħata qabel l-iskjerament għal Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK u l-konverġenza tal-kompetenzi tal-esperti ċivili kif ukoll tal-uffiċjali militari.

It-tisħiħ tal-inizjattivi tad-Difiża tal-UE

16. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) f'konformità mal-gwida pprovduta mir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO f'Novembru 2020, b'mod partikolari permezz tar-Rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kunsill li tispeċifika l-oġettivi aktar preċiżi għat-twettiq tal-aktar impenji vinkolanti. Huwa jistenna b'interess ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti tal-PESCO sa Novembru 2021. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-proġetti tal-PESCO li għaddejjin jagħtu riżultati konkreti jew jilhqnu kapaċità operazzjonali sħiħa qabel tmiem il-fażi li jmiss tal-PESCO (2021-2025)². Jaqbel li hemm ħtieġa li l-Istati Membri parteċipanti fil-PESCO jwettqu aħjar l-impenji kollha l-aktar vinkolanti, b'attenzjoni partikolari fuq l-approċċ kollaborattiv u l-livell ta' tħejjija operazzjonali, u jistenna li jkun hemm proġetti ġodda u ambizzjużi tal-PESCO sa Novembru 2021 b'kont meħud tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-CARD biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-oqsma operazzjonali u dawk tal-kapaċitajiet, kif ukoll jistenna b'interess ir-Rapport Annwali tal-PESCO tar-Rappreżentant Għoli bbażat fuq il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali li għandu jiġi ppreżentat sa Lulju 2021.

² Il-proġetti msemmija fl-Appendiċi 2 għall-Anness tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSR 2020.

Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-istedina lill-Kanada, lin-Norveġja u lill-Istati Uniti biex jipparteċipaw fil-proġett Mobbiltà Militari tal-PESCO f'konformità mat-tliet Deċiżjonijiet li adotta, li ddeterminaw li l-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-proġett tissodisfa l-kondizzjonijiet ġenerali li taħthom Stati terzi jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO, kif jinsabu fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 tas-5 ta' Novembru 2020. Is-sħab li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet ġenerali jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO fil-futur f'konformità mal-proċess ta' stedina li jinsab fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, inkluż b'deċiżjoni unanima mill-Kunsill.

17. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni rapida tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), b'mod partikolari l-finanzjament ta' sittax-il proġett mis-sejthiet għal proposti tal-2019, fosthom disġha li huma marbuta ma' proġetti tal-PESCO, li juru koerenza msaħħa bejn l-inizjattivi ta' difiża tal-UE. Il-Kunsill jistenna wkoll b'interess l-adozzjoni rapida tad-deċiżjoni tal-aġġudikazzjoni dwar is-sejthiet għal proposti tal-2020, jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża u t-tnedija ta' proġetti dwar teknoloġiji rivoluzzjonarji, fost oħrajn. Huwa jilqa' wkoll l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u jistenna b'interess l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma annwali ambizzjuż għall-2021 li jkun konsistenti mal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE derivati mill-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet. L-EDF huwa strumentali fl-appoġġ għall-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea madwar l-Unjoni, il-kooperazzjoni transfruntiera, it-teknoloġiji rivoluzzjonarji u l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs u ta' fornituri mhux tradizzjonali kif ukoll biex trawwem investimenti fil-katina tal-provvista tad-difiża. Jappella wkoll lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet rilevanti biex ikomplu l-ħidma tagħhom fit-tisħiħ u t-titjib tas-sigurtà tal-provvista għall-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.

18. Il-Kunsill jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju ppreżentat mill-Kummissjoni, li jirrispetta l-bażijiet ġuridiċi u n-natura differenti tal-programmi u l-inizjattivi rispettivi tal-UE, inkluż in-natura ċivili tal-Programm Spazjali tal-UE. L-implimentazzjoni rapida u sħiħa ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u abbażi tal-inklużività tal-Istati Membri kollha, ser tgħin lill-UE tibqa' teknoloġikament fuq quddiem, bis-saħħa ta' bażi industrijali u teknoloġika strateġika aktar kompetittiva, inkluż fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, u bis-saħħa tar-rwol aktar attiv tan-negozji ġodda, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija. Il-Kunsill jistenna wkoll b'interess il-Pjan Direzzjonali li jmiss tal-Kummissjoni dwar teknoloġiji ewlenin għas-sigurtà u d-difiża inkluż għażliet biex tingħata spinta lir-riċerka, lill-iżvilupp tat-teknoloġija u lill-innovazzjoni u biex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna f'teknoloġiji kritiċi u fi ktajjen tal-valur. Il-Kunsill jilqa' dawn l-għażliet waqt li, kemm jista' jkun, jintegra kif xieraq it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-PADR/EDIDP/EDF. F'dak il-kuntest, il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) dwar it-teknoloġiji kritiċi, inkluż permezz tal-Aġenda Strateġika Globali tar-Riċerka (OSRA) u l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin (KSA), għandha tipprovdi input utli. Il-Kunsill jappella wkoll għat-tisħiħ tar-rwol tal-EDA fit-trawwim tal-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża inkluż teknoloġiji rivoluzzjonarji u, għal dak il-għan, jistieden lir-RGħ/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (HoA) biex jippreżenta għażliet f'dan il-qasam sal-aħħar tal-2021. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex ikomplu l-ħidma tagħhom fit-tisħiħ u t-titjib tas-sigurtà tal-provvista għall-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Iħeġġeġ lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jeżamina passi ulterjuri bil-ħsieb li jappoġġa l-investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-difiża.
19. Waqt li jtenni l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza fost l-inizjattivi differenti tad-difiża tal-UE, u filwaqt li jiġu rrispettati l-karattru differenti u l-bażijiet ġuridiċi distinti tagħhom, il-Kunsill jistieden lir-RGħ, li jaġixxi wkoll fil-kapaċità tiegħu ta' Viċi President tal-Kummissjoni u HoA, iħejji t-tielet rapport dwar l-interazzjonijiet, l-interkonnessjonijiet u l-koerenza fost l-inizjattivi tad-difiża tal-UE (CARD, PESCO, EDF) qabel is-sajf tal-2021.

It-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għoti ta' aċċess Ewropew għall-beni komuni globali

20. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jiġġieldu kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni, permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet rilevanti anke fil-kuntest tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, filwaqt li jiġi żgurat l-użu koordinat u integrat ta' għodod eżistenti u dawk ġodda possibbli għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, u li jittejbu l-istat tat-tħejjija, l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' analiżi awtonoma tal-UE u jgħinu biex tizzied ir-reżiljenza tas-sħab. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jesplora reazzjonijiet possibbli fil-qasam tat-theddid ibridu inkluż, fost l-oħrajn, għal interferenza barranija u operazzjonijiet ta' influwenza, li jistgħu jkopru miżuri preventivi kif ukoll l-impożizzjoni ta' spejjeż fuq atturi statali u mhux statali ostili. Huwa jirrikonoxxi wkoll l-importanza ta' sigurtà msaħħa fir-rigward tat-telekomunikazzjonijiet u l-investimenti diretti barranin, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u dak nazzjonali. Il-Kunsill jistenna b'interess il-progress fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, bħall-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet relatati fit-tfassil tal-politika, l-identifikazzjoni ta' linji bażi ta' reżiljenza settorjali u l-pjattaforma online għal miżuri fil-livell tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu u d-dokumenti legali rilevanti. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE tirrikonoxxi ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu tal-INTCEN tal-UE bħala l-punt fokali għall-valutazzjonijiet tat-theddid ibridu u jistenna r-risultati tat-tieni iterazzjoni tal-Istħarriġ dwar ir-Riskju Ibridu bbażat fuq il-kontribut kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni, flimkien ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, biex tikkontribwixxi għall-istħarriġ kif xieraq³. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2020, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kontra attivitajiet malizzjużi ta' kull tip.

³ l-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt

21. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-beni komuni globali (fosthom l-ispazju, iċ-ċiberspazju u l-ibħra miftuħa), huma dejjem aktar soġġetti għal tentattivi ta' approprjazzjoni unilaterali, ta' gwardjani u ta' mġiba konfliġġenti u huwa impenjat li jipprovdi aċċess Ewropew sigur għal daww il-beni komuni globali. Għalhekk l-isforzi tal-UE f'dan ir-rigward għandhom bżonn urġenti ta' aktar riflessjoni u ta' passi sinifikanti 'l quddiem biex, kif jixraq, jiġu promossi l-interessi u l-valuri tal-UE, kif ukoll ordni globali bbażat fuq ir-regoli, anke fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.
22. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2021 dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu aktar il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża tal-UE. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rieżami li jmiss tal-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża u l-Viżjoni Militari u l-Istrateġija dwar iċ-Ċiberspazju bħala Qasam ta' Operazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi żgurat li iċ-ċibersigurtà u iċ-ċiberdifiża jiġu integrati bis-sħiħ fil-qasam usa' tas-sigurtà u d-difiża. Barra minn hekk, jilqa' l-isforzi għat-tisħiħ tas-sinerġiji ċivili-militari u l-koordinazzjoni dwar iċ-ċiberdifiża u iċ-ċibersigurtà. Huwa jirrikonoxxi l-implimentazzjoni kontinwa tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE bħala pass importanti għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Huwa jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn tiegħu għas-soluzzjoni ta' tilwim internazzjonali fiċ-ċiberspazju b'mezzi paċifiċi biex jitnaqqas ir-riskju ta' perċezzjoni ħażina, eskalazzjoni u konflitt li jistgħu jirriżultaw minn inċidenti ċibernetiċi. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għal aktar diskussjonijiet ibbażati fuq xenarji ddedikati għal kwistjonijiet ċibernetiċi. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex jissaħħu u jiġu żviluppati sistemi klassifikati u mhux klassifikati ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni li jkunu robusti, siguri, reżiljenti, skalabbli, u interoperabbli fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u mal-Istati Membri.
23. Waqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Jannar 2021, il-Kunsill jilqa' t-tnedija tal-każ pilota tal-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Golf tal-Guinea u, abbażi tat-tagħlimiet meħuda li għandhom jiġu ppreżentati f'Mejju 2021, ser jeżamina l-possibbiltà li dan il-kunċett jiġi applikat f'Żoni ta' Interess Marittimi oħra potenzjali fil-futur, inkluż fl-Indo-Paċifiku, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' April 2021 dwar strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, inkluż f'kooperazzjoni ma' sħab rilevanti. Waqt li jżomm fi ħsiebu l-ħtieġa

tal-implimentazzjoni sħiħa tal-każ pilota fil-Golf tal-Guinea, il-Kunsill ser jerġa' lura għall-implimentazzjoni tiegħu sa Jannar 2022. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għat-tisħiħ ulterjuri tar-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali biex jippromwovi d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), biex jiddefendi l-interessi tal-UE, biex iħares il-libertà tan-navigazzjoni inkluż bl-użu tal-assi navali tal-Istati Membri tal-UE fil-kuntest tad-diplomazija marittima u biex japprofondixxi l-kooperazzjoni marittima mas-sħab fil-qafas tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-pjan ta' azzjoni tagħha. Jissottolinja wkoll il-ħtieġa għal aktar waqfiet regolari f'portijiet minn bastimenti Ewropej madwar id-dinja bħala strument ta' kooperazzjoni u networking ma' pajjiżi sħab.

24. Il-Kunsill itenni l-importanza dejjem tikber tal-ispazju għall-awtonomija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u jfakkar li dan is-settur strateġiku qed ikun dejjem aktar soġġett għall-konġestjoni, il-kontestazzjoni, it-tensjonijiet u l-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, jissottolinja d-dimensjoni tas-sigurtà tal-Programm Spazjali tal-UE li jmiss u r-rwol tar-RGħ, l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-indirizzar tat-theddid relatat miegħu. Il-Kunsill jappella għal aktar riflessjoni strateġika dwar id-dimensjonijiet tal-ispazju u tas-sigurtà u d-difiża tal-UE, b'kont meħud ukoll tan-natura ċivili tal-Programm Spazjali tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-kontribut siewi taċ-Ċentru Satellitari tal-UE għall-PESK u l-PSDK, permezz tal-appoġġ ta' intelligence ġeospazjali li jagħti lill-komunità tal-analiżi tal-intelligence tal-Unjoni, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, b'mod partikolari l-Operazzjoni IRINI, u l-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari l-appoġġ lin-NU, l-OSKE, l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), kif ukoll lill-Istati Membri.
25. Il-Kunsill jilqa' l-ftehim politiku dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 u jistenna b'interess l-ewwel sejħiet għal proposti għal proġetti b'użu doppju biex tittejjeb l-infrastruttura tat-trasport u tittejjeb il-mobbiltà kemm ċivili kif ukoll militari. Huwa jappella għall-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Mobbiltà Militari u jistenna b'interess it-tielet rapport ta' progress konġunt sa tmiem is-sajf tal-2021. Huwa jappella wkoll għal aktar riflessjoni dwar azzjonijiet possibbli, atturi rilevanti u riżultati tanġibbli ġodda (f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, iż-żieda tar-reżiljenza ċibernetika tal-infrastruttura u s-sistemi tat-trasport, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali) biex tittejjeb il-mobbiltà militari fl-UE u lil hinn minnha.

Il-Kunsill jilqa' wkoll il-progress li sar dwar il-mobbiltà militari fil-kuntest tal-PESCO, fl-EDA, kif ukoll fil-livell nazzjonali, u jappella għal aktar ħidma dwar l-aċċellerazzjoni, is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' gvern sħiħ. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għal aktar diskussjonijiet ibbażati fuq xenarji u eżerċizzji dwar il-mobbiltà militari.

It-Tishih tas-Shubiji

26. Il-Kunsill jenfasizza l-valur tas-sħubiji biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi u r-rwol tagħhom fl-appoġġ ta' ordni dinji multilaterali bbażat fuq ir-regoli. Huwa jtenni l-importanza ta' sħubiji fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ma' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali u reġjonali, inkluż in-NU, in-NATO, l-OSKE, l-Unjoni Afrikana, il-Lega tal-Istati Għarab u l-ASEAN, u jappella b'mod partikolari għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi sħab, abbażi ta' approċċ aktar strateġiku u mfassal apposta u b'enfasi fuq sħab tal-istess fehma li għandhom l-istess valuri bħall-UE, inkluż ir-rispett għad-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna b'interess l-implimentazzjoni ta' modalitajiet imtejba għall-parteċipazzjoni ta' stati terzi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK b'rispett sħiħ tat-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha. Dan jinkludi possibbiltajiet biex jittejbu l-kondiviżjoni f'waqtha ta' informazzjoni, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ u l-eżerċizzji, kif ukoll konsultazzjonijiet fi stadju bikri ma' sħab potenzjali li jikkontribwixxu għal missjonijiet u operazzjonijiet futuri tal-PSDK.
27. Il-Kunsill jilqa' l-progress sostanzjali dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet għall-2019-2021 tal-UE-NU dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u ta' maniġġar ta' kriżijiet, li sarrfu f'appoġġ reċiproku bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet fil-post, iżda wkoll saħħu l-kooperazzjoni speċjalment f'materji relatati mal-istat tad-dritt, u l-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, u fl-indirizzar tal-aspetti ta' kontroll tal-armi. L-iffirmar tal-Ftehim Qafas bejn in-NU u l-UE dwar l-appoġġ reċiproku huwa pass importanti għat-titjib tal-kooperazzjoni fil-post.

Fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet imminenti dwar is-sett li jmiss ta' prijoritajiet UE-NU 2022-2024 u li jibnu fuq it-Tielet Rapport ta' Progress, il-Kunsill jappella għat-tisħiħ u l-adattament tas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NU dwar il-maniġġar ta' kriżijiet u l-operazzjonijiet ta' paċi, biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-lakuni emerġenti għas-sigurtà identifikati matul il-kriżi tal-COVID-19 u tiżdied aktar l-effettività tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna fuq il-post. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE jippreżenta proposti dwar is-sett li jmiss ta' prijoritajiet 2022-2024 f'Settembru 2021.

28. Il-Kunsill jilqa' l-progress sinifikanti miksub fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO mill-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Varsavja tal-2016 u dik ta' Brussell tal-2018 'l hawn u jissottolinja l-importanza ta' sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO li tkun imsaħħa, li tiffinforza reċiprokament u li tkun ta' benefiċċju strateġiku f'oqsma ta' interess komuni bl-oġettiv ġenerali li tinbena relazzjoni ġenwina u kostruttiva bejn organizzazzjoni u oħra. Minħabba l-isfidi komuni għas-sigurtà Ewro-Atlantika, il-Kunsill itenni l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa bejn iż-żewġ Organizzazzjonijiet sabiex jiġu promossi u mħarsa l-valuri kondiviżi u l-interessi komuni tas-sigurtà. F'dan ir-rigward, jafferma mill-ġdid li l-implimentazzjoni rapida u tanġibbli tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti u s-sett komuni ta' proposti tibqa' prijorità politika ewlenija tal-UE u jtenni li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tkompli sseħħ b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' trasparenza, reċiproċità u inklużività kif ukoll l-awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet. Bil-ħsieb tal-ħames anniversarju li ġej tal-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Varsavja, il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar ħidma lejn l-implimentazzjoni fil-qafas maqbul taż-żewġ Dikjarazzjonijiet Konġunti u s-sett komuni ta' 74 proposta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kollha u bl-involviment sħiħ tagħhom. B'mod partikolari, il-Kunsill jappella għal progress rapidu lejn implimentazzjoni ambizzjuża tal-pjan il-ġdid ta' Eżerċizzji Paralleli u Kkoordinati. Huwa jtenni l-ħtieġa għal kooperazzjoni operazzjonali effettiva f'oqsma komuni ta' skjerament, b'mod partikolari bejn il-Kmand Marittimu Alleat (MARCOM) u EUNAVFOR IRINI, filwaqt li jappella għall-konklużjoni ta' arranġament amministrattiv, li jibni fuq il-qafas miksub għall-Operazzjoni SOPHIA. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi mġedda u sostnuti f'oqsma bħad-djalogu politiku, il-mobbiltà militari, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, biex fost l-oħrajn jirfdu r-reżiljenza, iċ-ċibersigurtà u d-difiża, u jibnu l-kapaċità tas-sħab.

Barra minn hekk, huwa jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu esplorati possibbiltajiet biex jiġu identifikati, fi proċess inklużiv, oqasma ġodda għall-ħidma flimkien, b'rispett tal-kompetenzi u l-bilanċ istituzzjonali tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' skambju ta' informazzjoni mingħajr xkiel bejn l-UE u n-NATO, b'mod inklużiv u nondiskriminatorju, biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fl-oqasma kollha ta' interazzjoni maqbula biex jitrawmu s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn. Il-Kunsill jistenna b'interess is-sitt rapport ta' progress li jmiss li għandu jiġi ppreżentat b'mod konġunt mir-RGħ/VP/HoA u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO. Filwaqt li jqis in-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet u s-šhubiji rispettivi tagħhom u b'rispett sħiħ għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-koerenza bejn il-proċessi ta' riflessjoni li għaddejjin fl-UE u n-NATO.

29. Filwaqt li jibni fuq l-arranġamenti amministrattivi tal-2018 bejn l-UE u l-OSKE, il-Kunsill jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar istituzzjonalizzata bejn l-UE u l-OSKE fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-maniġġar ta' kriżijiet.
30. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti tas-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill jenfasizza li šhubija tranżatlantika b'saħħitha hija kruċjali biex tiżgura s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità komuni tagħna, u tikkontribwixxi għalihom u jtenni li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom jissoktaw b'kooperazzjoni u djalogu mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u jkomplu jsaħħu l-isforzi komuni tagħhom, inkluż permezz ta' šhubija strateġika bejn l-UE u n-NATO msaħħa, li ssaħħaħ b'mod reċiproku u tkun ta' benefiċċju f'oqasma ta' interess komuni fil-qafas tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Varsavja tal-2016 u dik ta' Brussell tal-2018. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tal-elementi li jappartjenu għas-sigurtà u d-difiża tal-Komunikazzjoni Konġunta tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar "Aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti". Abbażi ta' valuri kondiviżi, interessi komuni u influwenza globali, il-Kunsill ifakkar fir-rieda tiegħu li jkun involut fi djalogu politiku, regolari, komprensiv u strateġiku mal-Istati Uniti.

F'dak il-qafas, jistenna b'interess kooperazzjoni aktar mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku u djalogu strutturat fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża mal-amministrazzjoni l-għdida tal-Istati Uniti f'oqsma bħas-sigurtà rispettiva u inizjattivi ta' difiża, id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, l-impatt tal-teknoloġiji emerġenti u rivoluzzjonarji, iċ-ċiberdifiża, il-mobbiltà militari, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu inkluż id-diżinformazzjoni, il-maniġġar ta' kriżijiet u r-relazzjoni mal-kompetituri strateġiċi. Filwaqt li jibni fuq il-kontribut importanti tal-Istati Uniti u tal-UE għas-sigurtà tranżatlantika, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' difiża reċenti, djalogu ddedikat bħal dan jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib. UE aktar b'saħħitha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser issaħħaħ ukoll is-sħubija tranżatlantika.
